18 ta' Frar, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Antonio Farrugia *versus* Louis Dethajo

**Ċitazzjoni — Notifika — Kunjom — Nullità — Korrezzjoni — Kontumaċja — Art. 93 (2) (a) u 311 (3) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 174 (1), 792 (1), u 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-ulied leġittimi għandhom iġibu l-kunjom ta' missierhom, u fl-atti ġudizzjarji għandhom jiġu deżinjati b'dak il-kunjom, li hu l-veru kunjom tagħhom.*

*Għaldaqstant, il-konvenut li fl-att taċ-ċitazzjoni jinsab indikat b'kunjom differenti mill-kunjom veru tiegħu, huwa deżinjat ħażin f'dak l-att; u jekk jiġi notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni li jġib dak il-kunjom żbaljat, in-notifika taċ-ċitazzjoni hekk magħmula hija nulla; u jekk jonqos li jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet fit-terminu legali, huwa ma għandux jitqies bħala kontumaċi.*

*Biex tiġi evitata kull eventwali nullità tal-proċeduri, il-Qorti tista' tordna l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni, u tordna wkoll in-notifika taċ-ċitazzjoni lill-konvenut kif korretta.*

Il-Qorti;

Fuq ir-rikors tal-konvenut tal-20 ta' Jannar 1955, sabiex jiġi awtorizzat jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet barra mit-terminu;

Rat il-verbal ta' l-21 ta' Jannar 1955, mnejn jidher illi l-attur oppona ruħu għar-rikors, għaliex il-konvenut ġie mħarrek u notifikat regolament;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mix-xhieda tal-konvenut illi huwa jismu Lewis Cassar Demajo, u li dana l-kunjom huwa jġibu minn dejjem, għaliex il-kunjom ta' missieru huwa Cassar u ta' ommu Demajo;

Illi mill-att tat-twelid tiegħu fol. 14 jirriżulta li l-konvenut huwa iben leġittimu tal-ġenituri tiegħu; u għalhekk huwa għandu d-dritt u l-obligu li jġib il-kunjom ta' missieru. Jgħid Giuseppe Piola:— "Se la legge vuole che la persona abbia un nome ........ nello stesso tempo che impone un'obbligazione, costituisce a favore delle singole persone un diritto relativamente al nome in uniformità della legge fissato" (Digesto Italiano, Patronimico (diritto), § 10). Għalkemm il-liġi ma tgħidux b'dispożizzjoni espliċita li t-tfal leġittimi għandhom iġibu l-kunjom ta' missierhom, indirettament però jista' jiġi rikavat mill-art. 93 (2) (a) u 311 (3) tal-Kodiċi Ċivili, u "a contrario sensu" mill-art. 106 ta' l-istess Kodiċi, li jiddisponi li t-tifel illeġittimu ma jistgħax iġib kunjom missieru, lanqas jekk ikun magħruf minnu;

Illi minn dana tinżel il-konsegwenza illi l-veru kunjom tal-konvenut mhux Demajo, iżda Cassar, jew għall-anqas Cassar Demajo;

Illi l-attur obbjetta illi f'kawża oħra miegħu stess il-konvenut ġie kwalifikat bħala Louis Demajo, mingħajr ma pprotesta bl-ebda mod; iżda mill-atti ta' dik il-kawża, li għaliha saret riferenza, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1953 fuq transazzjoni tal-partijiet, jirriżulta illi l-konvenut iffirma l-iskrittura relattiva bħala "L. Cassar Demajo";

Illi minn dana jidher illi l-konvenut ma ġiex deżinjat bil-kunjom tiegħu skond ma jippreskrivi l-art. 174 (1) (b) tal-Proċedura Ċivili; u għalhekk dik id-deżinjazzjoni u n-notifika relattiva taċ-ċitazzjoni huma nulli (art. 792 (1) Proċ. Ċivili);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-konvenut għandu jit-

qies bħala mhux notifikat skond il-liġi, u konsegwentement huwa mhux legalment kontumaċi;

Illi, sabeix tiġi evitata kull eventwali nullità tal-proċeduri, il-Qorti hija tal-fehma li l-kunjom tal-konvenut jeħtieġlu jiġi korrett (art. 175 Proċ. Ċivili);

Għal dawn il-motivi;

Prevja korrezzjoni tal-kunjom tal-konvenut fl-att taċ-ċitazzjoni u kull fejn jirrikorri, fis-sens li flok "Demajo" jsir "Cassar Demajo";

Tilqa' t-talba tal-konvenut dedotta fl-imsemmi rikors tiegħu, bl-ispejjeż mingħajr taxxa, u tiddifferixxi l-kawża għan-notifika tal-konvenut biċ-ċitazzjoni kif korretta, u għat-trattazzjoni, għall-udjenza tas-6 ta' Mejju 1955.